MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-31 ta' Ottubru, 2016

Rikors Maħluf Numru: 121/15 LM

**L-Avukat Dottor Ivan Sammut (I.D. 482766M) bħala mandatarju speċjali tas-soċjetà estera Woodchester Valley Vineyard Limited ai termini tal-prokura annessa u mmarkata Dokument IS**

**vs.**

**Winetailors Limited (C3538), Edric Bonello, karta tal-identità numru 271799(M) u Anne Bonello, karta tal-identità numru 316068(M) għal kull interess li jista' jkollha**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fil-11 ta' Frar, 2015 tal-**Avukat Dottor Ivan Sammut bħala mandatarju speċjali tas-soċjetà estera Woodchester Valley Vineyard Limited** (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà attriċi"), li jaqra hekk:

1. *Peress illi s-soċjetà konvenuta Winetailors Limited daħlet f'diversi kuntratti ta' appalt u ta' konsulenza kif jirriżulta mill-affidavit ta' Fiona Shiner u d-dokumenti kollha annessi miegħu mmarkati Dok. FS;*

2. *Peress illi s-soċjetà attriċi avvanzat diversi pagamenti lis-soċjetà konvenuta għal ordnijiet u xogħlijiet li baqgħu ma twettqux kif jirriżulta mill-istess affidavit ta' Fiona Shiner (Dokument FS) u d-dokumenti annessi miegħu;*

3. *Peress illi ħafna minn dawn id-depożiti ttieħdu bil-qerq u ingann ipprattikat mill-konvenut Edric Bonello li baqa' ma ssuplixxix bosta mill-ordnijiet konvenuti mas-soċjetà attriċi u liema ingann jikkonsisti f'li appropja bosta mid-depożiti personalment kif ukoll uża invoice falza biex jottjeni pagament;*

4. *Peress illi saħansitra biex jottjeni depożitu fuq il-kuntratt tad-dwieli fl-14 ta' Awwissu, 2014 il-konvenut Edric Bonello bagħat lis-soċjetà attriċi invoice datata 8 ta' Jannar 2014 a bażi ta' liema s-soċjetà attriċi ħallset lill-konvenut Edric Bonello fil-kont tiegħu ma' Lloyds Bank depożitu ta' GBP6,580 – ara Exhibits R, S u T annessi mal-affidavit Dokument FS;*

5. *Peress illi minn investigazzjonijiet li għamlet id-direttriċi tas-soċjetà attriċi mas-soċjetà Vivai Rauscedo rriżulta illi din l-invoice ma kinitx inħarġet minn Vivai Rauscedo u għalhekk hija falza – ara Exhibits R, S, T, U u V mal-affidavit Dok. FS;*

6. *Peress illi meta l-konvenut Edric Bonello u l-ħaddiema tiegħu telqu mill-vinja tas-soċjetà attriċi, is-soċjetà attriċi kienet ħallset lill-konvenuti jew min minnhom is-somma ta' GBP128,907 rappreżentanti pagament ta' 80% fuq il-kuntratti kollha, kif ukoll is-somma ta' GBP25,983 għax-xogħlijiet tas-sajf skont l-invoices tal-konvenut (Dok. WT1-WT9) u dan skont l-iskedi annessi u immarkati Dok. FS1 u Dok. FS2;*

7. *Peress illi minn Settembru sal-bidu ta' Diċembru 2014 id-direttriċi tas-soċjetà attriċi, Fiona Shiner ippressat diversi drabi lill-konvenut Edric Bonello sabiex jirritorna għax-xogħol u dan qabel li jirritorna f'sitt dati differenti, però qatt ma rritorna għax-xogħol;*

8. *Peress illi għalkemm intalbu diversi drabi l-konvenuti jew min minnhom baqgħu qatt ma taw kont tal-flus u depożiti mħallsa lilhom mis-soċjetà attriċi;*

9. *Peress illi fid-9 ta' Jannar, 2015 is-soċjetà attriċi tterminat il-kuntratti ta' appalt u konsulenza kollha u talbet lill-konvenuti Winetailors Limited u Edric Bonello jħallsu lura d-depożiti magħmula mis-soċjetà attriċi – ara Exhibit Y anness mal-affidavit Dokument FS;*

10. *Peress illi mill-kalkoli li għamlet is-soċjetà attriċi (Dok. FS3) il-konvenuti jew min minnhom għandhom iħallsu lura lis-soċjetà attriċi s-somma fil-munita Euro ekwivalenti għal GBP78,757.76 (tmienja u sebgħin elf, seba' mija u sebgħa u ħamsin liri Sterlini u sitta u sebgħin pence);*

11. *Peress illi l-konvenut Edric Bonello huwa l-uniku azzjonist tas-soċjetà konvenuta Winetailors Limited skont kif jirriżulta mid-dokumenti hawn annessi u markati Dok. EB u EB1;*

12. *Peress illi minn mindu ħa t-tmexxija tas-soċjetà konvenuta l-konvenut Edric Bonello fit-22 ta' Mejju 2009, l-istess soċjetà konvenuta baqgħet u għadha mingħajr direttur, segretarju u ma rreġistratx l-ebda Kontijiet Finanzjarji u lanqas l-ebda Annual Return – Dok. EB2;*

13. *Peress illi mill-fatti fuq elenkati jirriżulta li hemm frodi kommess fil-kuntest ta' kuntratti ta' appalt u konsulenza;*

14. *Peress illi mill-fatti fuq elenkati jirriżulta li hemm lok ta' "Lifting"/"Piercing" of the Corporate Veil;*

15. *Peress illi dan l-aġir frawdolenti jġib ir-responsabilità ta' dawk kollha parteċipi fil-frodi;*

16. *Peress illi għal dawn ir-raġunijiet jeżistu l-estremi fil-liġi sabiex is-soċjetà konvenuta Winetailors Limited tiġi kkunsidrata u ddikjarata li hija sham company tal-uniku azzjonist/"beneficial owner" Edric Bonello;*

17. *Pesess illi għal dawn ir-raġunijiet ukoll jeżistu l-estremi fil-liġi li s-"shadow director" Edric Bonello aġixxa frawdolentement u biex iqarraq bil-kredituri, inkluz is-soċjetà attriċi;*

18. *Peress ukoll illi bl-azzjonijiet tal-konvenuti s-soċjetà attriċi sofriet danni, telf ta' qligħ u telf ta' imgħax fuq il-qligħ kif ser jiġi ppruvat aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża.*

*Jgħidu l-konvenuti għaliex għar-raġunijet premessi din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:*

*(1) tiddikjara illi s-soċjetà konvenuta Winetailors Limited hija "sham company" tal-uniku azzjonist/"shadow director"/"beneficial owner" Edric Bonello;*

*(2) tiddikjara illi l-konvenut Edric Bonello kkommetta frodi fil-kuntest ta' kuntratti ta' appalt u konsulenza a dannu tas-soċjetà attriċi;*

*(3) tiddikjara illi l-konvenuti Edric u Anne konjugi Bonello huma responsabbli personalment għall-atti tas-soċjetà Winetailors Limited u Edric Bonello;*

*(4) tiddikjara in vista tal-premess lill-konvenuti jew min minnhom responsabbli għad-danni, inkluż telf ta' qligħ u imgħax fuq il-qligħ sofferti mis-soċjetà attriċi konsegwenza tan-non-osservanza tal-obbligi taħt il-kuntratti ta' appalt u konsulenza;*

*(5) tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom iħallsu lis-soċjetà attriċi s-somma globali ekwivalenti f'Euro ta' GBP78,757.76 fuq imsemmija dovuti kif fuq intqal;*

*(6) tillikwida d-danni u/jew it-telf ta' qligħ u l-imgħax fuq it-telf ta' qligħ li soffriet is-soċjetà attriċi konsegwenza da parti tal-konvenuti tan-non-osservanza tal-obbligi taħt il-kuntratti ta' appalt u konsulenza;*

*(7) tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom iħallsu lis-soċjetà attriċi t-telf ta' qligħ u imgħax u/jew id-danni fuq likwidati.*

*(8) Tillikwida kull rivalutazzjoni fil-munita biex l-ammont ikkundannat jirrifletti l-fondi msemmija fl-Iskeda Dokument FS3.*

*Bl-imgħax legali fuq l-imsemmija somma ta' €103,193.13 kontra l-konvenuti sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjeż kontra l-konvenuti inkluż tal-mandat ta' sekwestru numru 100/15 u tal-mandat ta' inibizzjoni numru 99/15.*

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-konvenuti **Winetailors Limited, Edric Bonello, u Anne Bonello** (minn issa 'l quddiem "il-konvenuti"), ippreżentata fis-16 ta' Marzu, 2015 li tgħid hekk:

*Jeċċepixxu bir-rispett illi t-talbiet tal-attur nomine kif dedotti għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż stante li huma infondati fil-fatt u fid-dritt għar-raġunijiet inter alia li ġejjin:-*

1. *Illi is-soċjetà Winetailors Limited hija soċjetà b'personalità ġuridika separata minn dik tal-azzjonisti u rappreżentanti tagħha, bħalma hija s-soċjetà rappreżentata mill-attur nomine u wkoll bħall-istess soċjetà mhix "sham company".*

2. *Illi l-esponenti Edric Bonello ma kkommetta ebda frodi kif allegat mir-rikorrenti nomine;*

3. *Illi l-esponenti Edric Bonello u martu Anne Bonello mhumiex responsabbli personalment għall-atti tas-soċjetà intimata;*

4. *Illi l-esponenti mhumiex responsabbli għal ebda danni reklamati mir-rikorrenti nomine u dan kemm minħabba illi s-soċjetà minnu rappreżentata ma sofriet ebda danni kif ukoll minħabba illi l-esponenti ma kkaġunawlha ebda danni u ma għandhom ebda ħtija għal dak li qed jallega r-rikorrenti nomine;*

5. *Illi it-terminazzjoni mis-soċjetà rappreżentata mir-rikorrent nomine ta' kull relazzjoni u negozju li hija kellha mas-soċjetà intimata hija bla ebda raġuni valida skont il-liġi imputabbli lis-soċjetà intimata jew lill-intimati l-oħra u s-soċjetà intimata ma kisret ebda obbligazzjoni li tagħti lok għat-terminazzjoni tar-relazzjoni jew negozju ġuridika bejnha u s-soċjetà rappreżentata mir-rikorrenti nomine, inoltre l-esponenti ma għandhom ebda tort jew ħtija imputabbli lilhom;*

6. *Illi r-rikorrenti nomine mhux intitolat għall-ħlas tas-somma mitluba fil-ħames talba, u li tabilħaqq is-soċjetà rappreżentata mir-rikorrenti nomine għandha tħallas lis-soċjetà intimata kumpens għas-servizzi u prodotti u xogħlijiet li s-soċjetà intimata tat lis-soċjetà rappreżentata mir-rikorrenti nomine;*

7. *Illi għalhekk l-esponenti ma għandhomx jiġu kkundannati jħallsu lir-rikorrenti nomine dak mitlub fit-talbiet numru 5 sa 8.*

Rat it-talba rikonvenzjonali ppreżentata fis-16 ta' Marzu, 2015 mill-konvenuti rikonvenzjonanti **Winetailors Limtied** u **Edric Bonello** u **Anne Bonello għal kull interess illi jista' jkollha** kontra is-soċjetà attriċi li taqra hekk:

1. *Illi is-soċjetà intimata fil-kuntest tar-relazzjoni u negozji ġuridiċi msemmija mir-rikorrenti nomine fir-rikors ġuramentat tiegħu pprovdew servizzi u kif ukoll pprovdew lir-rikorrenti nomine prodotti u oġġetti konsistenti f'kannizzati (trellis), prodotti relattivi għall-irrigazzjoni u xogħlijiet oħra, kif jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*

2. *Illi r-rikorrenti nomine ttermina r-relazzjoni u kull negozju li hu kellu mas-soċjetà intimata għal ebda raġuni valida skont il-liġi imputabbli lis-soċjetà intimata jew lill-intimati l-oħra u għal ebda tort jew ħtija imputabbli lis-soċjetà intimata jew lill-intimati l-oħra;*

3. *Illi r-rikorrenti nomine ma ħallasx lis-soċjetà intimata dak kollu dovut lilha għas-servizzi u prodotti u xogħlijiet li hija forniet lir-rikorrenti nomine;*

4. *Illi l-esponenti jaf b'dawn il-fatti personalment;*

*Għaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett, previa d-dikjarazzjonijiet neċessarji u wara li jingħataw il-provvedimenti opportuni, li dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha għar-raġunijiet fuq imsemmija:*

1. *tiddikjara, jekk hemm bżonn, illi r-rikorrenti nomine ttermina r-relazzjoni u kull negozju li hu kellu mas-soċjetà intimata għal ebda raġuni valida skont il-liġi imputabbli lis-soċjetà intimata jew lill-intimati l-oħra u għal ebda tort jew ħtija imputabbli lis-soċjetà intimata jew lill-intimati l-oħra;*

2. *tiddikjara illi r-rikorrenti nomine għandu jagħti lis-soċjetà intimata għas-servizzi u prodotti u xogħlijiet oħra forniti mis-soċjetà intimata lir-rikorrenti nomine;*

*3. tillikwida s-somma dovuta mir-rikorrenti nomine lis-soċjetà intimata għas-servizzi u prodotti u xogħlijiet forniti mis-soċjetà intimata lir-rikorrenti nomine;*

*4. tikkundanna lir-rikorrenti nomine jħallas dik s-somma hekk likwidata.*

*Bl-imgħaxijiet dekorribbli mid-data ta' fornitura tas-servizzi u prodotti u xogħlijiet sad-data tal-effettiv pagament, u bl-ispejjeż.*

Rat ir-Risposta Ġuramentata tas-soċjetà attriċi rikonvenzjonata **Woodchester Valley Vineyard Limited** għat-talba rikonvenzjonali tal-konvenuti rikonvenzjonanti **Winetailors Limited u Edric Bonello u Anne Bonello**, li ġiet ippreżentata fis-6 ta' April, 2015 u li tgħid hekk:

1. *Jeċċepixxi bir-rispett illi t-talbiet tal-konvenuti kif dedotti minnhom fil-kontrotalba tagħhom għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħhom stante li huma totalment infondati fil-fatt u fid-dritt.*

2. *Illi konsegwentement jiġi eċċepit ulterjorment illi ma ġew ikkawżati l-ebda danni lill-konvenuti, anzi kienet is-soċjetà attriċi li fil-fatt sofriet unikament danni.*

3. *Illi fil-fatt is-soċjetà attriċi kellha raġuni valida sabiex tittermina r-relazzjonijiet kontrattwali kollha li kellha mal-konvenuti u dan unikament minħabba tortijiet imputtabli lill-istess konvenuti jew min minnhom.*

Rat l-atti tal-kawża, id-dokumenti esebiti, kif ukoll l-atti tal-mandat ta' inibizzjoni numru 99/2015 fl-ismijiet **Dr Ivan Sammut noe vs. Winetailors Limited et** li ġew allegati mal-atti ta' din il-kawża permezz ta' provvediment ta' din il-Qorti tal-15 ta' Ġunju, 2015.

Rat il-provi mressqa mis-soċjetà attriċi in sostenn tat-talbiet tagħha.

Rat illi l-konvenuti ma ressqu ebda provi in sostenn tal-eċċezzjonijiet u tal-kontrotalbiet tagħhom, tant hu hekk meta l-kawża kienet fl-istadju tal-provi tal-konvenuti, l-avukat difensur tagħhom irrinunzja għall-patroċinju tagħhom[1] u l-konvenuti naqsu milli jappuntaw avukat difensur ieħor minfloku sabiex ikompli bid-difiża tagħhom.

Rat li fl-udjenza tas-26 ta' Settembru, 2016 l-kawża ġiet differita għal-lum għas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

Illi jirriżulta mill-affidavit ta' **Fiona Shiner**[2], direttur tas-soċjetà attriċi, li l-kumpannija ħallset għadd ta' depożiti lis-soċjetà konvenuta għal materjal li kellu jiġi supplit u xogħol li kellu jiġi esegwit fil-*vineyard* tas-soċjetà attriċi. Il-ħlasijiet jirriżultaw minn kopji ta' *bank statements* li ġew esebiti flimkien mal-istess affidavit. L-appalt ġie esegwit f'parti żgħira tiegħu u għalhekk is-soċjetà

[1] Ara a fol. 16 et seq. tal-proċess.
[2] Datat 4 ta' Frar, 2015, esebit a fol. 16 tal-proċess.

attriċi naqset il-prezz għall-parti li ġiet esegwita skont skeda immarkata FS3[3], imnejn jirriżulta li minn dawn id-depożiti għandha tieħu lura bilanċ ta' £78,757.76.

Illi jirriżulta li l-parti l-kbira mill-pagamenti ġew akkwistati mill-konvenut Edric Bonello b'qerq u ingann billi baqa' ma ssuppliex bosta mill-ordnijiet pattuwiti mas-soċjetà attriċi. Huwa approprija bosta mid-depożiti personalment u f'okkażjoni minnhom saħansitra uża *invoice* suppost maħruġa mis-soċjetà Vivai Rauscedo, iżda li kienet falza u abbażi tagħha s-soċjetà attriċi vversatlu depożitu ta' £6,580 fil-kont tiegħu ma' Lloyds Bank.[4]

Illi x-xhud **David Borg Hedley**, *General Manager* ta' Fexserv Financial Services, ikkonferma li l-pagamenti li jsir riferiment għalihom a fol. 605 sa 609 rċievihom Edric Bonello f'ismu proprju.[5] Minn riċerka li għamlet is-soċjetà attriċi, din saret taf li kontra l-konvenut inqatgħu għadd ta' sentenzi mill-Qrati Maltin għal djun oħra li għandu ma' terzi.[6]

Illi minn ċertifikat rilaxxjat mir-Reġistru tal-Kumpanniji,[7] jirriżulta li l-konvenut Edric Bonello huwa l-uniku azzjonist tas-soċjetà konvenuta li la għandha direttur, u lanqas segretarju. L-aħħar *annual return* tkopri sat-30 ta' Diċembru, 2007 u l-ebda *financial statement* ma sar minn meta twaqqfet.

---

[3] A fol. 163 tal-proċess.
[4] Dokumenti R,S,T, U u V a fol. 112 et seq. tal-proċess.
[5] Fol. 615.
[6] Para. 18 tal-affidavit imsemmi, a fol. 18 u 19 tal-proċess.
[7] Esibit a fol. 177 tal-proċess.

Illi s-soċjetà attriċi talbet ukoll il-likwidazzjoni u ħlas tad-danni konsegwenzjali għall-ksur tal-kuntratt billi l-kultivazzjoni tad-dwieli ntefgħet b'iktar minn sena lura.[8] Il-Qorti hija konvinta li tabilħaqq is-soċjetà attriċi sofriet danni konsistenti f'telf ta' profitti. B'danakollu s-soċjetà attriċi ma ressqet l-ebda prova dwar il-*quantum* ta' dawn id-danni.

**<u>Kunsiderazzjonijiet legali</u>**

Illi l-konvenuti konjuġi Bonello eċċepew li huma mhumiex responsabbli personalment għad-djun tal-kumpannija konvenuta. Huwa minnu li d-dispożizzjonijiet tal-Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta huma maħsuba, senjatament l-Artikolu 137 tiegħu, biex jiżguraw li s-soċjetà tagħmel tajjeb għall-operat tad-diretturi tagħha fdati bl-amministrazzjoni tagħha kif ukoll għal min kellu pożizzjoni ta' responsabbiltà fit-tmexxija tagħha.[9] B'danakollu ma hemmx dubju li f'ċerti sitwazzjonijiet determinati d-direttur ikun personalment responsabbli għall-ħsara li ssir bl-aġir delittwuż kommess minnu stess. Dwar din ir-responsabbiltà tad-diretturi jingħad fil-**Palmer's Company Law**:[10]

> *"Any director who is party to a fraud or to the commission of any other tort is personally liable to the injured party. This is on the principle that whoever commits a wrong is liable for it himself, and, nonetheless so, that he was acting as an agent or servant on behalf, and for the benefit of another; for the contract of agency, or service cannot impose any obligation on the agent or servant to commit, or assist in the committing of, fraud or any other wrong. The Company may also be liable but*

---

[8] Kif spjegat fl-affidavit imsemmi, para. 27, a fol. 20 tal-proċess.
[9] Ara **Catherine Galea vs. Milica Micovic noe**, Appell, 19 ta' Novembru 2001.
[10] 21st Edition, (1968) paġna 572.

*that does not exonerate the director ...".*[11]

Illi f'każ illi jinstab li l-konvenut ikun aġixxa frawdolentement fl-attività kummerċjali tiegħu tramite is-soċjetà konvenuta, "f'tali każ, fil-fehma tal-Qorti, ma jistax jinħeba wara l-protezzjoni tal-*corporate veil* biex jeludi r-responsabbiltajiet tiegħu".[12]

Illi l-frodi hija waħda mill-każijiet li fihom id-diretturi ta' kumpannija jġorru responsabbilità personali, anke fl-assenza ta' dispożizzjoni *ad hoc* fil-liġi tal-kumpanniji jew xi liġi oħra, ġie stabbilit fis-sentenza ta' din il-Qorti, diversament ippreseduta, fl-ismijiet **Anthony Briffa vs. Vincent Oliver Abela**[13]:

> "Kemm mill-provi f'din l-istanza kif ukoll minn dak deżunt mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali jidher ċar illi l-aġir tal-konvenut kien maħsub biex jeludi l-azzjoni tal-kredituri tal-kumpanija, fosthom l-attur. L-attijiet tal-konvenut, kif fis-sentenza penali ravviżat, kellhom jitqiesu illeċiti u frawdolenti, maħsuba biex jingannaw u b'hekk jiddanneġġjaw lill-attur. Taħt din iċ-ċirkostanza l-Qorti takkolji b'favur ir-regola bażata fuq il-buon sens li tgħid illi "la frode non merita mai la protezione della legge" (Vol. XXVII P I p 725)".

Illi l-personalità ġuridika separata tal-kumpannija, ċjoè is-separazzjoni netta tal-kumpannija mill-membri tagħha, titqies li hija prinċipju fundamentali tal-liġi tal-kumpanniji. Madankollu bħala eċċezzjoni għal din ir-regola, kemm il-liġi Maltija u dik Ingliża li fuqha hija immudellata, kif ukoll il-Qrati tagħna fid-deċiżjonijiet tagħhom, okkażjonalment ippermettew illi tiġi injorata l-identità separata tal-kumpannija minn dik tal-membri tagħha, u l-azzjonist fl-aħħar mill-aħħar inżamm personalment responsabbli għal djun tal-kumpannija.

[11] Din is-silta mill-Palmer ġiet iċċitata b'approvazzjoni mill-Qorti tal-Appell Kummerċjali fid-deċiżjoni tagħha tal-31 ta' Jannar, 1977 fil-kawża fl-ismijiet **John Bugeja vs. Giuseppe Maria Vella Gatt *proprio et nomine.***
[12] **Paul Caruana vs. Global Executive Search (Malta) Limited et**, P.A.(LSO) 26.06.2014.
[13] Deċiża fit-28.03.2003 (PS).

Illi għad li l-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna f'dan ir-rigward mhijiex daqstant estensiva, minnha joħroġ ċar illi fejn tirriżulta l-*mala fede*, in-nuqqas ta' imġiba korretta jekk mhux saħansitra l-frodi min-naħa tal-azzjonist li juża l-kumpannija li tkun taħt il-kontroll assolut tiegħu bħala *lunga manus* biex jeludi u jaħrab mill-obbligazzjonijiet kuntrattwali li jkun daħal għalihom, dan m'għandux jitħalla jinħeba wara l-paraventu tal-kumpannija, imma għandu jinżamm personalment responsabbli għal djun tal-kumpannija li jkunu saru b'*mala fede*, imġiba skorretta jew frodi.

Illi fi kliem **il-Prof. Andrew Muscat**[14]:

> *"The 'fraud or improper conduct' inroad had also featured prominently in a number of Maltese cases. Three of these merit detailed attention:* ***Dr. José Herrera noe et vs. Tancred Tabone et noe,***[15] ***Edward u Giovanni Leone Enriquez vs. Avukat Dr. Anthony Farrugia et***[16] *and* ***Nevada Limited et vs. Hubert Mifsud et.***[17] *In all three cases, the courts relying on the paramount principle of good faith, lifted the corporate veil where the corporate form was used to evade contractual obligations.*
>
> *…*
>
> *Clearly, English and Maltese courts will ignore, or look behind, the separate juridical personality of a company if it is shown that there has been fraud or improprer conduct.".*

[14] ***Principles of Maltese Company Law***, p. 330 (Malta University Press, 2007).
[15] Q.K. (26.01.1989); Vol. LXXVI.ii.321 (Qorti tal-Appell 1992); Vol. LXXX.ii.508 (Qorti tal-Appell1996)(Ritrattazzjoni).
[16] P.A. (12.10.1989).
[17] P.A. (20.11.1998); Qorti tal-Appell (16.02.2004). Ara wkoll **Joseph Chetcuti noe vs. Peter Paul Camilleri** (Vol.LXXXII.ii.1295) (Qorti tal-Appell).

Illi fl-imsemmija sentenza fl-ismijiet **Edward u Giovanni Leone Enriquez vs. Avukat Dr. Anthony Farrugia et**[18] iċċitata fil-ktieb tal-Prof. Muscat intqal preċiżament dan li ġej:

> "Il-Qorti tifhem li fejn jirriżulta aġir skorrett li juri *'mala fides'* ma għandhiex tħalli lil min jaħti għal dan l-aġir jieħu vantaġġ mill-*'mala fides'* tiegħu. Il-liġi tagħna hija mibnija fuq il-*'bona fides'*. L-ebda negozju ġiuridiku ma għandu immunità mill-principju *'fraus omnia corrumpit'*. Jekk biex ikun newtralizzat l-effett tal-*'mala fides'* huwa meħtieġ li l-Qorti tipprexxindi mill-personalità separata ta' persuna morali, il-Qorti hija lesta li tieħu dan il-pass".[19]

Illi fil-ġurisprudenza Taljana jsir riferiment għall-kunċett ġuridiku msejjaħ *'abuso della personalità giuridica'* li jista' jwassal biex jiġi mxejjen il-benefiċċju tar-responsabbiltà limitata tal-azzjonist fejn ikun ġie ppruvat illi azzjonist abbuża minn dan id-dritt. Fi kliem il-Qorti tal-Kassazzjoni Taljana[20]:

> *"il socio c.d. sovrano, vale a dire il socio di controllo di una società di capitali..., quando si serva della struttura sociale come schermo, trasformandosi così in socio c.d. tiranno, al fine di gestire i propri affari con responsabilità limitata, incorre nell'abuso della personalità giuridica, ravvisabile allorché alla forma societaria corrisponda una gestione in tutto e per tutto individuale, con conseguente configurabilità di una responsabilità civile e penale, avuto riguardo al ruolo da lui svolto".*

Illi fil-fehma tal-Qorti ġie suffiċjentement ippruvat li l-konvenut Edric Bonello akkwista bi frodi, flus versati lilu mis-soċjetà attriċi għal materjal li kellu jiġi supplit u għal xogħol li kellu jiġi esegwit fil-*vineyard* tas-soċjetà attriċi, liema materjal baqa' ma ġiex hekk ikkonsenjat u liema xogħol effettivament baqa' ma sarx ħlief għal parti żgħira. Diversi mill-imsemmija depożiti li saru mis-

[18] P.A. (12.10.1989).
[19] Ara wkoll sentenza fl-ismijiet **Id-Direttur tal-Artijiet vs. Alfred Baldacchino et**, Qorti tal-Appell, 11.03.2016.
[20] Cass., 25 ta' Jannar, 2000, n. 804.

soċjetà attriċi ġew approprjati personalment mill-istess konvenut Edric Bonello bi frodi fil-kuntest ta' kuntratti ta' appalt u konsulenza a dannu tas-soċjetà attriċi u għalhekk dan għandu jitqies responsabbli personalment lejha u ma jistax jistaħba wara l-velu korporattiv ta' Winetailors Limited.

Illi di più l-konvenuti ma ressqu l-ebda provi u la kkontradixxew il-provi mressqa mis-soċjetà attriċi u lanqas ma pproduċew xi prova in sostenn tal-kontrotalba tagħhom.

Illi f'din il-kawża ġiet konvenuta wkoll mart Edric Bonello, Anne Bonello. Filwaqt li fl-okkjo tal-kawża ġiet imħarrka 'għal kull interess li jista' jkollha', is-soċjetà attriċi talbet li l-konvenuti konjuġi Bonello jiġu t-tnejn li huma ddikjarati responsabbli personalment għall-atti tas-soċjetà Winetailors Limited u ta' Edric Bonello.

Illi għalkemm huwa minnu li r-regola ġenerali hija li d-debiti li jagħmel ir-raġel u li tagħmel il-mara waqt iż-żwieġ tagħhom ikunu a kariku tal-komunjoni tal-akkwisti, "il-liġi però, tagħmel eċċezzjoni għal dal-prinċipju tant fondamentali, u ċioè… (1) jekk id-dejn ikun ġej minn riparazzjoni ċivili li r-raġel ikun obbligat, bħala konsegwenza ta' reat volontarjament magħmul mingħandu, għar-raġuni li l-komunjoni ma għandhiex issofri, minħabba l-konsegwenza tad-delitti tar-raġel; diversament ikun immorali illi l-mara, anki ċivilment għandha ssofri l-konsegwenzi ta' delitt, magħmul mir-raġel tagħha."[21]

[21] **Elvira Ciantar Vincenti vs. Maria Giovanna Liberto** – 25.04.1938 - XXX.i.116.

Illi ntqal ukoll fir-rigward li "f'dan is-sens il-liġi tiddistingwi bejn atti kolpużi u atti dolużi u bl-istess mod kif kien maħsub taħt ir-reġim tal-Kodiċi Ċivili qabel l-emendi teskludi biss dak id-dejn jew indenniz li r-raġel kellu jagħti bħala danni ċivili għal reat li hu jkun ikkommetta volontarjament [Artikolu 1372(2) tal-Kodiċi Ċivili tal-Edizzjoni Riveduta tal-Liġijiet tal-1942]. Dan kien japplika wkoll fil-każ li r-reat tikkomettih il-mara (Vol. XXIII P II p 230), u allura anke f'dan il-każ *"la moglie è tenuta verso terzi per riparazioni civili dovuti per reato da lei volontariamente commesso ma solamente coi proprii beni e non mai con quelli rientranti nella communione degli acquisti"* (Vol. XXIV P IV p 946; ara wkoll Vol. XXXVIII P II p 604)".[22]

Illi m'hemmx dubju li l-frodi kommessa mill-konvenut Edric Bonello hija reat li sar bir-rieda, imma m'hemm l-ebda ħjiel ta' prova li martu kienet taf b'din il-frode. Għalhekk japplika l-Artikolu 1327 tal-Kodiċi Ċivili li kwalunkwe indennizz dovut bħala rimedju ċivili dwar dan ir-reat kommess minn żewġha mhuwiex dejn li għandha ssofri l-komunjoni tal-akkwisti, salv id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 1329 u ċjoè dan "id-dejn ma jolqotx il-beni tal-komunjoni, ħlief ... sal-valur ta' sehem il-konvenut fil-komunjoni, jekk il-beni parafernali tiegħu mhumiex biżżejjed biex jagħmlu tajjeb għad-dejn".[23] Għalhekk il-konvenuta Anne Bonello m'għandha l-ebda responsabbiltà għall-frodi kommessa minn żewġha.

[22] **Elmo Insurance Services Limited vs Edwin Pace et.**, 03.10.2003, PA (PS).
[23] **JP Advertising Limited vs. Avukat Simon Galea Testaferrata noe**, P.A. (GCD), 14.01.2004.

**Decide**

**Għalhekk il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-eċċezzjonijiet u l-kontrotalba tal-konvenuti, u tilqa' t-talbiet attriċi fis-sens li:**

**(1) tillibera lill-konvenuta Anne Bonello mill-osservanza tal-ġudizzju;**

**(2) tiddikjara illi s-soċjetà konvenuta Winetailors Limited hija *"sham company"* tal-uniku azzjonist/*"shadow director"*/*"beneficial owner"* Edric Bonello;**

**(3) tiddikjara illi l-konvenut Edric Bonello kkommetta frodi fil-kuntest ta' kuntratti ta' appalt u konsulenza a dannu tas-soċjetà attriċi;**

**(4) tiddikjara illi l-konvenut Edric Bonello huwa responsabbli personalment għall-atti tas-soċjetà Winetailors Limited;**

**(5) tiddikjara in vista tal-premess lill-konvenut Edric Bonello responsabbli għad-danni, inkluż telf ta' qligħ u imgħax fuq il-qligħ sofferti mis-soċjetà attriċi konsegwenza tan-non-osservanza tal-obbligi taħt il-kuntratti ta' appalt u konsulenza;**

**(6) tikkundanna lill-konvenut Edric Bonello jħallas lis-soċjetà attriċi s-somma globali ekwivalenti f'Euro ta' GBP78,757.76 ekwivalenti**

**għal €103,193.13 dovuta lis-soċjetà attriċi bħala ħlas lura ta' pagamenti li din effettwat għal ordnijiet u xogħlijiet li baqgħu ma twettqux konsegwenza tan-non-osservanza da parti tal-konvenut Edric Bonello tal-obbligi taħt kuntratti ta' appalt u konsulenza kif imsemmi fir-Rikors Maħluf.**

**Bl-imgħax legali fuq l-imsemmija somma ta' €103,193.13 kontra l-konvenut Edric Bonello mid-dati ta' meta ġew imħallsa l-pagamenti rispettivi mis-soċjetà attriċi sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjeż inkluż tal-mandat ta' sekwestru numru 100/15 u tal-mandat ta' inibizzjoni numru 99/15 a kariku tal-konvenut Edric Bonello.**

Moqrija.